# Ġublew tad-Deheb Saċerdotali

*Il-ħidma tad-Dumnikan mhix riżervata għall-kunvent, għall-altar, il-pulptu jew l-ambone, iżda għandha oqsma oħra.*



*Patri Ġorġ Grech O.P.*

Ħamsin sena ilu P. Ġorġ Grech OP ġie ordnat saċerdot fi ħdan l-Ordni Dumnikan minn idejn l-Arċisqof Mikiel Gonzi.

P. Ġorġ twieled il-Belt Valletta fis-27 ta' Jannar 1927. Ħa l-libsa Dumnikana fil-15 ta' Ottubru 1944 u wara sena ta' novizzjat għamel l-ewwel professjoni fit-28 ta' Ottubru 1945 biex wara tliet snin intrabat għal għomru bil-voti reliġjużi. Fid-29 ta' Marzu 1952 ġie ordnat saċerdot fil-Kon Katidral ta' San Ġwann, il-Belt.

P. Ġorġ studja l-filosofija u t-teoloġija fil-Kulleġġ San Tumas ta' Aquino fil-Kunvent ta' Sidtna Marija ta' l-Għar, ir-Rabat. Wara beda l-ħidma pastorali tiegħu bl-amministrazzjoni tas-sagramenti u x-xandir tal-Kelma ta' Alla, kif ukoll bit-tagħlim fil-Kulleġġ San Albert il-Kbir. Għal xi żmien wettaq dan il-ministeru fil-Missjoni tagħna tal-Brażil. Iżda billi l-arja u l-ambjent ta' hemmhekk ma laqgħuhx kellu jerġa' jirritorna lejn Malta.



*8 ta' Ġunju 1947 fil-Purċissjoni ta' Corpus ġewwa l-Belt meta kien għadu novizz.*

Hawnhekk reġa' beda l-ħidma tiegħu flimkien mal-patrijiet li għex magħhom u fost Maltin bħalu. Ħadem bħala viċi kappillan, sottopirjol, prokuratur u uffiċċji oħrajn fil-kunvent. Iżda l-ħidma tad-Dumnikan mhix riżervata għall-kunvent, għall-altar, il-pulptu jew l-ambone, iżda għandha oqsma oħra. P. Ġorġ kellu ħafna għal qalbu l-mużika. Kien għadu novizz meta studjaha taħt is-surmast Casapinta.

Taħtu resaq għall-eżamijiet tal-mużika li swewlu għat-twettieq tal-pastorali. Kien idoqq



*Patri Ġorġ Grech waqt iċ-ċelebrazzjoni solenni fl-okkażjoni tal-Ġublew tad-Deheb Saċerdotali flimkien mal-Provinċjal, il-Pirjol, l-Arċipriet tal-Birgu u Patri Michael M. Camilleri O.P.*

u jidderieġi fil-knejjes. Jikkomponi mużika sagra u profana u jgħallem studenti biex iħejjijhom għall-gradi tad-diplomi, li xi wħud minnhom komplew biex waslu f'pożizzjoni, ġieli għolja, fil-qasam.

F'kull kunvent li kien assenjat, P. Ġorġ dejjem kien jifforma l-korijiet. U fil-kunvent tal-Lunzjata tal-Birgu li ilu hawn 38 sena, ma naqasx li jagħmel dan. Anzi hawn mar aktar ħafna 'il bogħod. Hawn sab is-Sala Dumnikana hekk imsejħa tat-teatrin, għalkemm fiha kienu jiġu organizzati attivitajiet reliġjużi, edukattivi u kulturali. Hawn sab ir-riħ fil-qâla. Sawwar grupp ta' tfal ċkejknin li għallimhom ikantaw, idoqqu u jiżfnu li semmew *I Piccolissimi*. Kibru u bdew jissejħu *Delfini Ferrieħa*.

Bis-saħħa ta' din is-sala P. Ġorġ seta' jkompli dak li kien isir fil-qasam tad-drama. Anzi billi kellu kuntatt u tgħallem mingħand il-kittieb prolifiku u drammaturgu magħruf P. Wistin Harry Born OP, seta' juża wkoll id-drammi, il-kummiedji, il-buzzetti u l-fares li bihom P. Born kien iferraħ u jdaħħak, imma fuq kollox jagħti tagħlim soċjali u reliġjuż. Hu ta' sodisfazzjon li wħud mill-atturi li kienu jaħdmu fuq il-palk tas-Sala Dumnikana ma' P. Ġorġ insibuhom jaħdmu ma' kumpaniji fuq it-televiżjoni.

Dak li semmejna hu fil-qosor ħafna. Min irid jaf iżjed jista' jaqra l-artiklu miktub mis-Sinjorina Carmen Scicluna, Lajka Dumnikana, li ħadmet ħafna mill-qrib ma' P. Ġorġ, li jinsab fil-ktieb tal-festa *San Duminku ta' Guzman – Festa 1998*, paġni 41-49.

Id-data tat-8 ta'April 2002 li fiha ġiet iċċelebrata s-Solennità tal-Lunzjata, titular tal-knisja tagħna, żgur li tnaqxet f'qalb P. Ġorġ b'ittri tad-deheb fl-okkażjoni taċ-ċelebrazzjoni tal-Ġublew tad-Deheb Saċerdotali tiegħu permezz tal-Quddiesa Solenni ta' Radd il-Ħajr, imsieħeb f'konċelebrazzjoni minn patrijiet u saċerdoti ħbieb, bis-sehem tal-kor u l-orkestra li hu stess kien ħejja minn żmien qabel għall-Quddiesa Pastorali *In Natali Gaudio* kompożizzjoni ta' G.B. Campodonico għall-kor b'żewġ vuċijiet, li P. Ġorġ stess ikkompona l-arranġament għall-kor u l-orkestra, li flimkien ħarġu b'esekuzzjoni eċċellenti mmexxija mis-Surmast Vincent Bonnici.

Il-familjari tiegħu, ħbiebu li ħadmu miegħu jew ħadem magħhom, reliġjużi u lajċi mlew il-knisja tal-Lunzjata, li wara mlew il-kjostru tal-kunvent biex jifirħulu u jifirħu miegħu.

Lil P. Ġorġ nifirħulu minn qalbna u nawgurawlu ħafna snin f'din il-ħidma fejjieda fostna u għalenija.

**Ad Multos Annos.**



*Patri Ġorġ Grech flimkien mal-kor li ħa sehem fiċ-ċelebrazzjoni solenni.*


SOUND Solutions
P.A. SYSTEMS

Lejla Maltija - Discos - Concerts
Weddings - Parties

1, Block 13,
Triq iċ-Ċentinarju tal-Parroċċa, Vittoriosa CSP 08
Telephone: 21 807569 - 21 820551
Mobile: 9945 3361 - 9942 8368